MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 1210/2008

**AJD Tuna Limited (C26300)**

**VS**

1. **Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd u**
2. **L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat ta’ AJD Tuna Limited tat-3 ta’ Dicembru 2008, li jaqra hekk:

*“1. Illi s-socjeta’ esponenti tiggestixxi skond il-ligi allevamenti tat-Tonn fl-ibhra Maltin;*

*2. Illi f' dawn l-allevamenti jitkabbar Blue Fin Tuna (BFT) maqbud mill-istati membri ta' trattat internazjonali maghruf bhala lnternational Convention for the Conservation of Atlantic Tunas (ICCAT), liema Tonn jinxtara mill-kumpannija mittenti minn sena ghal sena sabiex jitqieghed u jitkabbar fl-allevamenti in kwistjoni;*

*3. Illi s-socjeta esponenti ghandha permess mahrug taht l-awspici tat-trattat premess sabiex takkwista kwota annwali ta' 3,200 tunnellata Tonn fl-allevamenti taghha;*

*4. Illi d-direttur intimat abusivament u illegalment zamm lill-esponenti milli jakkwista Tonn ghall-allevament tieghu u dan taht il-pretiza li kien qieghed jenforza regolament mahrug mill-Kummissjoni Ewropeja u liema regolament igib in-numru 530/08;*

*5. Illi bl-agir tieghu id-direttur intimat zamm lill-mittenti milli jakkwista hut maqbud band' ohra legittimament taht l-awspici tat-trattat premess;*

*5. Illi l-agir tad-direttur intimat wassal sabiex il-kumpannija mittenti giet mizmuma milli takkwista l-kwota taghha b' danni ngenti ghall-patrimonju taghha kif ser jigi ppruvat tul is-smigh tal-kawza;*

*7. Illi hemm pendenti proceduri quddiem il-Qorti Ewropeja ta' Gustizzja ghall-impunjazzjoni tar-Regolament premess peress li r-regolament huwa null u ineffikaci in kwantu li jzomm lill-allevaturi tat-Tonn milli jakkwistaw Tonn ghall-allevamenti taghhom. F' dawn il-proceduri fl-ismijiet AJD Tuna Limited vs Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u bin-numru T-329/08 tqajjmu xi eccezzjonijiet preliminari li qed jigu dibattuti;*

*8. Illi l-agir tad-direttur intimat huwa illegali, abusiv u mhux ragjonevoli u dan kif ser jigi ppruvat dettlajatament waqt is-smigh tal-kawza;*

*9. Illi b' konswegwenza tal-agir illegali u abusiv tieghu kif premess brevement f' dan ir-rikors id-direttur intimat ikkaguna danni serji lill-mittenti;*

*10. llli nterpellat ufficjalment biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni l-intimat baqa inadempjenti;*

***Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiddeciedi din il-kawza billi***

*1. Tiddeciedi li l-agir premess tad-direttur permezz ta' liema r-rikorrent gie mizmum milli jdahhal fl-allevament tieghu Blue Fin Tuna maqbud regolarment taht l-awspici tal-ICCAT huwa illegali, abusiv u mhux ragjonevoli;*

*2. Tiddeciedi li kagun tal-agir premess tad-direttur ir-rikorrent sofra danni stante li ma setghax jakkwista il-kwota legittima tieghu, liema Danni jigu likwidati f sede alternattiva;*

*3.Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrent naxxenti mill-agir tal-intimat kif premess brevament f'dan ir-rikors."*

Rat illi ir-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur fil-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u Rizorzi u l-Avukat Generali tal-4 ta' Frar 2009 li taqra hekk:

"*Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti, l-Avukat Generali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilmenti tar-rikorrenti u ghaldaqstant ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;*

*Illi l-fatti kif esposti mir-rikorrenti fl-ewwel tlett premessi tar-rikors odjern m'humiex kkontestati da parti tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti assolutament u kategorikament jichad bl-akbar qawwa li hu qatt aggixxa b'mod abusiv u llegali kif qed jippremetti r-rikorrenti fir-raba paragrafu tar-rikors tieghu;*

*Illi l-agir tal-esponenti kien fil-fatt legali u skond l-obbligi li kellu skond il-ligi u skond ir-regolament Commission Regulation 530/08 (hawn mehmuza u mmarkata Dokument 'A');*

*Illi l-esponenti kellu l-obligu skond ir-regolament imsemmi li jwaqqaf lir- rikorrenti milli jakkwista hut maqbud banda ohra u kull ma ghamel f'dan r- rigward l-istess esponenti kien li mexa skond l-obbligi legali li huwa ghandu;*

*Illi l-agir tal-esponenti, senjatament l-agir li qed jigi llamentat da parti rikorrenti huwa dak li hu ddeterminat kollu kemm hu mir-regolament msemmi;*

*Illi dak li hemm nkluz fis-seba paragrafu tar-rikors promotur u cioe' fir-rigward tal-ezistenza ta' proceduri pendenti quddiem il-Kummissjoni Ewropeja da parti tar-rikorrenti, jekk semmai jigi ppruvat skond il-ligi, b'ebda mod m'ghandu jigi nterpretat li jfisser li tezisti xi raguni valida li a bazi taghha l-esponenti jista qatt jigi ggustifikat li ghandu l-jedd li f xi punt jiddezisti milli jagixxi skond il-ligi;*

*Illi b'ebda mod l-agir tal-esponenti specjalment fir-rigward tal-ilmenti mressqa mir-rikorrenti ma jista b'xi mod jitqies bhala llegali, abusivi jew mhux ragjonevoli stante li kull ma ghamel l-esponenti kien li mexa u agixxa skond il-ligi u r-regolamenti fuq msemmija;*

*Illi a bazi tas-suespost, jekk stess r-rikorrenti sofra danni - premessa li qed tigi michuda mill-esponenti - huwa cert li dawn s-suppost danni – dejjem jekk dawn eventwalment jirrizultaw - ma gewx sofferti bhala rizultat ta' xi agir da parti tal-esponenti;*

*Illi s-socjeta rikorrenti ma soffriet ebda danni bhala rizultat tal-agir tal-esponenti kif qed tippretendi li ghamlet, u minhabba f'hekk l-esponenti m'ghandu jigi kkundannat ihallas ebda danni lis-socjeta rikorrenti;*

*Ghaldaqstant l-esponenit umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad t-talbiet tas-socjeta rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-referenza maghmula minn din il-Qorti kif diversament preseduta tal-4 ta' Gunju 2009, lil Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (a fol. 65 et seq.);

Rat l-opinjoni tal-Avukat Generali tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Settembru 2010 (a fol. 132 et seq.);

Rat in-noti t'osservazzjonijiet tal-partijiet fil-proceduri quddiem l-istess Qorti tal-Gustizzja Ewropea (a fol. 168 sa 349);

Rat il-kopja tas-sentenza tas-socjeta' attrici kontra l-Kummissjoni Ewropea tal-11 t'Awwissu 2008 (a fol. 408 sa 448);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-17 ta' Marzu 2011 (a fol. 355 sa 381);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-1 ta' Dicembru 2011 fejn il-kawza thalliet sine die (a fol. 456) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tad-9 ta' Marzu 2012 fejn il-kawza giet riappuntata (a fol. 464) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-14 ta' Gunju 2012 fejn fejn innominat lil Dr. Anna Mifsud Bonnici bhala Assistent Gudizzjarju (a fol. 466) ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur tal-Agrikoltura u Sajd u l-Avukat Generali tal-25 ta'Gunju 2014 (a fol. 572 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' AJD Tuna Limited tat-13 ta' Novembru 2014 (a fol. 602 et seq.);

Rat ir-replika tad-Direttur tal-Agrikoltura u Sajd u l-Avukat Generali tat-18 ta'Dicembru 2014 (a fol. 614 et seq.);

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti qabel ma tidhol fil-meritu tal-kaz, taghraf li ghandha tikkonsidera l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u cioe' illi l-Avukat Generali ma huwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilmenti tar-rikorrenti. Il-Qorti taghraf illi li l-materja ta' rapprezentanza guridika tal-Gvern hija regolata minn Artikolu 181B tal-Kap 12 li jiddisponi

> ***"181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:***
>
> ***Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:***
>
> ***(a) sa (c) omissis***
>
> ***(2)L-Avukat Generali jirraprezenta l-Gvern f'dawk l-atti u l-azjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."***

Jidher car fil-kaz in ezami li Kap tad-Dipartiment cioe' l-intimat Direttur tal-Agrikoltura u Sajd ghalhekk huwa l-legittimu kontradittur minghajr il-htiega tal-prezenza tal-Avukat Generali bhala rapprezentant tal-Gvern .

Il-fatti, fil-kaz in ezami, mhumiex essenzjalment kontestati - fis-sens illi l-Kummissjoni Ewropea harget Regolament Numru 530/2008 li permezz tieghu pprojbiet is-sajd tat-tonn, il-hatt l-art, tqieghed f'gaggeg ghat-tismin jew ghat-trobbija jew ghat-trasbordi fl-ilmijiet jew portijiet ta' Grecja, Franza, Italja, Cipru u Malta ta' tonn maqbud bil-*purse seines*, f'ibhra ndikati mis-16 ta' Gunju 2008 waqt li l-ban ghal Spanja kellha tibda mit-23 ta' Gunju 2008. Dan ir-regolament kien operattiv ghal sitt xhur.

In esekuzzjoni ta' dan r-Regolament 530/2008, (ppubblikat fil-gazzetta tal Gvern fil 13 ta Gunju 2008,-vide fol 13 A), d-Direttur intimat baghat ittra tat-18 ta' Gunju 2008 annessa mal-affidavit tal-intimat Direttur Dr. Grupetta.

Ir-Regolament 530/2008 gie dikjarat parzjalment null permezz tas-sentenza preliminari tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea fl-ismijiet AJD Tuna Limited vs Direttur tal-Agrikoltura u Sajd u Avukat Generali C-221/09 deciza fis-17 ta' Marzu 2011 permezz ta' liema decizjoni, **ir-Regolament numru 530/2008 tat-12 ta' Gunju 2008 gie dikjarat invalidu sa fejn, ... il-projbizzjonijiet li huwa jistabilixxi jidhlu fis-sehh fit-23 ta' Gunju 2008 fir-rigward ta' bastimenti li jistadu bil-purse seines u li jtajjru l-bandiera Spanjola jew huma registrati f'dan l-istat membru u l-operaturi komunitarji li kkonkludew kuntratti maghhom, filwaqt li dawn il-projbizzjonijiet jidhlu fis-sehh fis-16 ta' Gunju 2008 fir-rigward ta' bastimenti li jistadu bil-purse seines u li jtajjru il-bandiera Maltija, Griega, Franciza, Taljana , jew Ciprijotta jew huma registrati f'dawn l-istati membri u l-operaturi komunitarji li kkonkludew kuntratti maghhom minghajr ma din id-differenza fit-trattament hija oggettivament gustifikata.-**Vide fol. 380.

Dak illi din il-Qorti trid tezamina u tanalizza hu, r-responsabilita' o meno tad-Direttur intimat, ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici bl-esekuzzjoni tal-istess Regolament 530/2008 da parti tal-intimat Direttur.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti taghraf illi kull att legali jgawdi minn prezunzjoni ta' validita' sakemm ma jigix revokat jew annullat mill-istituzzjonijiet kompetenti.

L-intimat jargumenta li l-Gvern ta' Malta ma kienx responsabbli taht il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (il-Konvenzjoni), ghall-atti u decizjonijiet maghmula mill-Komunitajiet Ewropej u li id-Direttur intimat ma ghamel xejn ghajr illi ezegwixxa direttiva mahruga minn l-istess Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u cioe' Regolament numru 530/2008 tat-12 ta' Gunju 2008, li bih stabilixxa mizura t'emergenza konsistenti fi *ban* totali ta' sajd bil-*purse seiners* jew ta' hatt, tqeghied fil-gageg ghat-tismin jew trobbija jew trasbordi ghal sitt xhur mis-16 ta' Gunju 2008 – Vide Regolament 530/2008 a fol. 13 a u b.

Skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali jew l-Istati Membri jibqghu responsabbli ghal kull att jew omissjoni tal-organi domestici taghhom li allegatament jivvlojaw il-Konvenzjoni Europea Ghall Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali (il-Konvenzjoni), indipendentement mill-fatt jekk l-att jew l-omissjoni huwiex derivanti mill-ligi domestika jew minn necessita' li jaderixxu ghall-obbligazzjonijiet internazzjonali – vide **Ilse Hess vs United Kingdom** deciza 28 ta' Mejju 1975 numru 6231/73, D.R. 2p 72 [74] ; **M.& Co. vs Federal Republic of Germany** deciz 9 ta' Frar 1990 App. No. 13258/87.-

Regolament, bhal Regolament 530/2008, huwa konsidrat li ghandu effett dirett, effett vertikali cioe bejn l-Istat u individwu u kif ukoll effett orizzonatali cioe' bejn l-individwi. Illi di piu' d-drittijiet illi individwi jistghu jirrikorru ghalihom taht ill-ligi komunitarja, m'ghadhomx limitati ghal dawk li ghandhom effett dirett imma jinkludu ukoll drittijiet bbazati fuq principji ta'effett indirett u r-responsabilita' tal-Istati Membri kif zviluppat minn ECJ.

Il-principju ta' responsabilita' tal-Istati Membri gie l-ewwel vziluppat fi **Frankovich and Others vs Italian Republic Joined Cases C-6/90 and C-9/90** [1991]ECR I-5357. Il-Qorti Ewropea sabet li, fejn Stat Membru naqas li jimplementa direttiva, huwa kien obbligat jikkumpensa lill-individwi ghad-danni rezultanti kemm-il darba jikkonkorru tlett kundizzjoni : li d-direttiva takkorda dritt lill-individwi; li l-kontenut ta' dritt huwa car mill-artikolu tad-direttiva innifisu u li hemm ness kawzali bejn in-nuqqas tal-Istat Membru fl-adempjement tal-obbligu tieghu u d-dannu soffert mill-individwu affetwat.

Il-Qrati Ewropej osservaw li l-Konvenzjoni ma tipprojbix lill-Istati Membri milli jitrasferixxu poteri lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, izda li :

> ***"if a State contracts treaty obligations and subsequently concludes another international agreement which disables it from performing its obligations under the first treaty, it will be answerable for any resulting breach of its obligations under the earlier treaty" (cf. N° 235/56, Dec. 10.6.58, Yearbook 2 p. 256 (300)). The Commission considers that a transfer of powers does not necessarily exclude a State's responsibility under the Convention with regard to the***

***exercise of the transferred powers. Otherwise the guarantees of the Convention could wantonly be limited or excluded and thus be deprived of their peremptory character. The object and purpose of the Convention as an instrument for the protection of individual human beings requires that its provisions be interpreted and applied so as to make its safeguards practical and effective (cf. Eur. Court H.R., Soering judgment of 7 July 1989, Series A no. 161, para. 87). Therefore the transfer of powers to an international organisation is not incompatible with the Convention provided that, within that organisation, fundamental rights will receive an equivalent protection."***

**Vide M.& Co . vs Federal Republic of Germany** Ibid.

Di piu' fis-sentenza **HNL vs Council and Commission** - Joined cases 83 and 94/76, 4, 15, and 40 /77, fejn Regolament 563/76 kien gie ddikjarat null u bla effett, il-Qorti Ewropea rriteniet :

***"To determine what conditions must be present in addition to such breach for the Community to incur liability in accordance with the criterion laid down in the case-law of the Court of Justice it is necessary to take into consideration the principles in the legal systems of the Member States governing the liability of public authorities for damage caused to individuals by legislative measures. Although these principles vary considerably from one Member State to another, it is however possible to state that the public authorities can only exceptionally and in special circumstances incur liability for legislative measures which are the result of choices of economic policy. This restrictive view is explained by the consideration that the legislative authority, even where the validity of its measures is subject to judicial review, cannot always be hindered in making its decisions by the prospect of***

***applications for damages whenever it has occasion to adopt legislative measures in the public interest which may adversely affect the interests of individuals.***

***6 It follows from these considerations that individuals may be required, in the sectors coming within the economic policy of the Community, to accept within reasonable limits certain harmful effects on their economic interests as a result of a legislative measure without being able to obtain compensation from public funds even if that measure has been declared null and void. In a legislative field such as the one in question, in which one of the chief features is the exercise of a wide discretion essential for the implementation of the Common Agricultural Policy, the Community does not therefore incur liability unless the institution concerned has manifestly and gravely disregarded the limits on the exercise of its powers...***

***...The effects of the regulation on the profit-earning capacity of the undertakings did not ultimately exceed the bounds of the economic risks inherent in the activities of the agricultural sectors concerned.***

***8 In these circumstances the fact that the regulation is null and void is insufficient for the Community to incur liability under the second paragraph of Article 215 of the Treaty. The application must therefore be dismissed as unfounded."***

Illi di piu, is-sentenza fil-**Kaz Brasserie du Pecheur SA vs Federal Republic of Germany u the Queen vs Secretary of State for Transport** (joined cases C-46/93 and C-48/93 ) deciza fil-5 ta' Marzu 1996, l-Qorti Ewropea iddelinjat diversi principji fir-rigward tar-responsabilita' ghad-danni ta' Stati Membri fejn direttivi tal-Komunitajiet Ewropej ma jigux implimentati fil-ligi nazzjonali. Fil-kors ta' dan l-istudju, il-Qorti Ewropea tefat ukoll dawl

fuq ir-responsabilita tal-Komunita' ghal-danni kawzati lill- individwi ***"by unlawful legislative measures adopted by its institutions***:

> ***55 As to the second condition, as regards both Community liability under Article 215 and Member State liability for breaches of Community law, the decisive test for finding that a breach of Community law is sufficiently serious is whether the Member State or the Community institution concerned manifestly and gravely disregarded the limits on its discretion.***
>
> ***56 The factors which the competent court may take into consideration include the clarity and precision of the rule breached, the measure of discretion left by that rule to the national or Community authorities, whether the infringement and the damage caused was intentional or involuntary, whether any error of law was excusable or inexcusable, the fact that the position taken by a Community institution may have contributed towards the omission, and the adoption or retention of national measures or practices contrary to Community law."***

Il-Qorti tqis li **ghandha tinzamm distinzjoni cara** bejn, jekk l-att impunjat ghandux jitqies bhala obbligazzjoni jew bhala esercizzju ta' poter diskrezzjonali: fis-sens li jekk l-Istat kien kostrett bhala rezultat t'obbligi internazzjonali biex jagixxi f'manjiera partikolari, allura l-uniku materja li trid tigi analizzata huwa ***"the equivalence of the human rights protection in the relevant organisation."*** – (The M & Co doctrine). Mill-banda l-ohra, f'kaz li l-Istat seta' jaghmel uzu minn poteri diskrezzjonali indipendenti , dawn l-atti jibqghu soggetti pienament ghad-drittijiet mhaddna mill-Konvenzjoni Ewropea u l-iskrutinju tal-Qorti Ewropea – Vide **The Queen vs Secretary of State for the Home Department ex parte Eleonara Ivanova Kondova C-235/99 [2001] ECR I - 6427**.

Fil-kaz in ezami, ma hemmx dubbju li l-mizura lamentata (Regolament 530/2008) **kien jikkostitwixxi att semplici ta' konformita stretta mal-obbligi legali konsegwenzjali ghad-dhul ta' Malta bhala membru fil-Komunita Ewropea**. Fid-dritt komunitarju, Regolament ma jhalli ebda lok ghall-ezercizzju indipendenti ta' diskrezzjoni minn Stat

Membru. L-effet dirett ta' Regolament 530/2008 fisser li l-intimat Direttur u l-Istat Malti ma kellhom ebda bazi legali sabiex jagixxu f'manjiera diversa. Infatti nuqqas t'adempjement ma Regolament, kien ifisser li l-Istat Malti kien imur kontra l-obbligu ta' *"loyal co-operation"* kif imfisser f'Artikolu 5 – issa Artikolu 10 tat-trattatt tal-EC u jimmina l-kooperazzjoni gudizzjarja bejn il-Qrati Nazzjonali u l-Qorti Ewropea kif prospettatt fl-Artikolu 177 (issa 234) tal-istess Trattat. Illi di piu'

> ***"to require a state to review for Convention compliance, an act of the European Community before implementing it (with the unilateral action and non observance of Community Law that would potentially entail ) would pose an incalcuble threat to the very foundation of the Community, a result not envisaged by the drafters of the Convention , supportive as they were of European Co-operation"*** - Vide sottomissjonijiet tal-**European Commission** fil-kaz **Bosphorus Hava Yollari Turizm ve Ticaret Anomin Sirketi v Ireland Judgement**. At para. 124. App No 45036/98 deciza 30 ta' Gunju 2005 Grand Chamber.

Apparti dana kollu, f'kaz li d-Direttur intimat mexa kif s-socjeta' attrici ppretendiet li jimxi, Malta kienet tkun soggetta ghal ***infringiment procedures*** bil-konsegwenza li c-cittadin Maltin kienu jkunu kostretti jhallsu multa konsiderevoli li hi kalkolata f'miljuni t'Ewro.

Ghandu jinghad li l-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza taghha tas-17 ta' Marzu 2011 (vide fol. 355 sa 381), b'risposta ghad-domandi maghmula minn din il-Qorti diversament preseduta ikkonkludiet li ma kien jirrizulta ebda element ta' natura li taffetwa il-validita' ta' Regolament 530/2008, fid-dawl tal-principju tal-kontradittorju, u tal-principju ta' protezzjoni ta' gudizzjarja effettiva, jew fid-dawl ta' rekwizit ta' motivazzjoni tal-principju ta' protezzjoni tal-aspettattivi legittimi u ta' principju ta' proporzjonalita', u li Regolament 530/2008 sa fejn stabbilixxa li Regolament jidhol fis-sehh fit-23 ta' Gunju 2008 ghar-rigward l-bastimenti li jtajjru l-bandiera Spanjola waqt li kien jidhol fis-sehh fis-16 ta' Gunju 2008 fir-rigward ta' bastimenti li jtajjru l-bandiera Maltija, Griega, Franciza, Taljana u Ciprijotta, kien invalidu minhabba nuqqas ta' gustifikazzjoni oggettiva ghal trattament differenzjali.

Dana ifisser li Regolament 530/2008 ma giex annullat addirittura.

Is-socjeta' attrici irribadiet illi Regolament 530/2008 fl-intier tieghu kien null skond s-sentenza datata 11 ta Awissu 2008 -vide fol 408- u iccitat s-sentenza T-305/08 **Repubblica Italiana vs Commissione Europea** deciza fl-14 ta' Frar 2012:

> ***"Si deve pertanto considerare che l'invalidita' del regolomento impugnato produce, nel caso di specie, effetti equivalenti a quelli di una sentenza di annullamento, aventi efficacia retroattivita, in linea di principio e salvo limiti espressi derivanti dalla declaratoria d'invalidita', a decorrere dall'entrata in vigore della norma interpretata, alla stregua di una sentenza di annullamento (v., in tal senso, sentenze della Corte del 26 aprile 1994, Roquette Freres, C-228/92, Racc. Pag. I-1445, punti 77 e 19, e del 12 febbraio 2008, Kempter, C-2/06, Rocc. Pag. l-411, punto 35)."***

**Ikkonsidrat:**

Fil-kaz **Bosphorus Hava** (Ibid) il-Qorti Ewropea kienet tal-fehma illi azzjoni ta' Stati membri f'adempjiment ma obbligi legali naxxenti mis-shubija tal-Organizzazzjoni Internazzjonali hi gustifikata ***"as long as the relevant organisation is considered to protect fundamental rights, as regards both the substantive guarantees offered and the mechanisms controlling their observance, in a manner which can be considered at least equivalent to that for which the Convention provides"*** (Ibid para. 155).

> ***"156. If such equivalent protection is considered to be provided by the organisation, the presumption will be that a State has not departed from the requirements of the Convention when it does no more than implement legal obligations flowing from its membership of the organisation."***

Din il-Qorti tqis illi kienet tezisti l-*equivalence* jew il-*comparable protection* fl- imsemmi Organu li hareg ir-Regolament 530/2008 **u ghalhekk il-prezunzjoni li l-Istat ma ddepartiex mir-rekwiziti ta' Konvenzjoni huwa aplikabbli ghal kaz in ezami.**

Din il-prezunzjoni pero hija wahda rebattibbli.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina jekk kemm –il darba il-fatt illi Regolament 530/2008 gie dikjarat parzjalment null jew (f'ahjar ipotezi ghas-socjeta' attrici) totalment null, jfissirx necessarjament illi d-Direttur intimat jew il-Kummissjoni inkorra jew inkorriet responsabilita' ghad-danni konsegwenzjali. Il-Qorti taghraf illi s-sentenza **HNL vs Council and Commission** tal-Qorti Ewropea citata aktar l' fuq f'para 6, kienet wiegbet fin-negattiv.[1]

Il-Qorti tqis ukoll illi fil-kaz in ezami fejn si tratta ta' ***strict compliance*** ma Regolament li ghandu effett dirett, **anka jekk** din il-Qorti ghandha tapplika l-ezami bhal li kieku l-kaz si tratta t'uzu ta' diskrezzjoni da parti tal-Istat, xorta wahda ghandu jirrizulta li l-vjolazzjoni kinitx ***"sufficiently serious"*** fi sens li l-Kummissjoni koncernata ***"had <u>not</u> manifestly and gravely disregarded its discretion"*** u ghal dan l-ezami ghandha wkoll tanalizza il-fatturi indikati f'para 56 tal-Kaz **Brasserie du Pecheur SA** citat aktar 'l fuq f'din is-sentenza f'pagna ghaxra.

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatti specie tal-kaz odjern, il-Qorti hi tal-fehma illi l-vjolazzjoni lamentata kienet ta' natura serja izda mhux wahda li tista' tigi meqjusa *"sufficiently serious"*.

Dan qieghed jinghad 'l ghaliex ghajr ghat-trattament diskriminatorju, favorevoli ghal Spanja li giet moghtija gimgha sajd aktar mill-Membri Stati l-ohra, l-ghan ahhari ta'Regolament 530/2008 kien wiehed tajjeb u lodevoli, beneficjali ghal preservazzjoni tal-ispecie tat-tonn, li fin dei conti, tippeska s-socjeta' attrici.

Di piu' ezami tal-fatturi ndikati f'para 56 fis-sentenza ta' Brasserie du Pecheur ndikata aktar 'l fuq, juri li d-dispositiv tar-Regolament 530/2008 kien wiehed preciz u limpidu; ma halla ebda lok ghal diskrezzjoni fuq d-Direttur intimat; d-danni kawzati lis-socjeta' attrici kienu

[1] U dan anke meta si tratta ta' uzu ta' poteri diskrezzjonali wiesgha – Vide pagna 9 ta' din is-sentenza .

involontari u mhux intenzjonati; u l-posizzjoni mehuda mill-Komunita' u kwindi bhala konsegwenza inevitabbli, mid-Direttur intimat, kienet wahda li ma tippermetti ebda devjazzjoni jew caqlieq – kienet *ban* totali ta' sajd ta' dak l-ispecie ta' hut, *ban* ta' tqieghed f'gaggeg ghat-tismin jew ghat-trobbija, f'ibhra u portijiet ndikati fl-istess Regolament.

Din il-Qorti ma sabet ebda xrara ta' mala fede f'agir jew eghmil tal-intimat Direttur f'esekuzzjoni tar-Regolament 530/2008.

Di piu' din il-Qorti ma tista' b'ebda mod tqis li l-intimat Direttur agixxa, anka b'xi mod remot b'xi negligenza jew agixxa ultra vires il-poteri u l-mansjoni tieghu. Ghal kuntrarju l-Qorti tqis li l-intimat segwa skuruplozament Regolament komunitarju kif kellu d-dover illi jaghmel skond l-obbligi internazzjonali ta' Malta, u l-fatt li tlett snin wara dan ir-Regolament gie dikjarat null parzjalment ma jistghax isarraf ex post facto, f' xi responsabilita' ta' danni da parti tad-Direttur intimat.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati u tichad t-talbiet attrici.

In vista tal-punti legali pjuttost innovattivi l-Qorti tqis illi jkun gust u ghaqli li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------